# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 15 ta' Mejju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 32/2024 JPG**
**Kawza nru.: 19**

**RV**
**Vs**
**JG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 23 ta' Jannar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu nhar it-8 ta' Settembru 2007 (ara Dok.RV1), tweldilhom tifel nhar l-4 ta' Lulju 2011, isseparaw de facto f'Marzu 2018, ġew awtorizzati jisseparaw permezz ta' digriet datat 3 ta' Marzu 2023 (Dok.A), u fil-fatt iffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom quddiem in-Nutar Francesca Cachia Zammit nhar is-27 ta' April 2023 (Dok.RV2);*

2. *ILLI minn dakinhar qatt ma seħħet l-ebda rikonċiljazzjoni, u ma hemm l-ebda possibilità li sseħħ;*

3. *ILLI l-partijiet ilhom fattwalment separati iktar minn sena, irrinunzjaw reċiprokament għal kull dritt għal manteniment, ma hemm l-ebda arretrati*

*ta' manteniment pendent rigward il-minuri, u għalhekk jissussistu r-rekwiżiti kollha fil-liġi sabiex tingħata sentenza ta' divorzju;*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-ħall ta' l-imsemmi żwieġ bejn il-partijiet permezz ta' divorzju, u li jiġi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku skond il-liġi, bl-ispejjeż ikunu a karigu taż-żewġ partijiet ugwalment.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit ghas-seduta mhejjija u l-Qorti spejgatlu d-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u ma jopponix ghad-divorzju;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 3)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-8 ta' Settembru 2007 u li minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 ta' April 2023 fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit. Inoltre, ddikjarat illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2018. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed viva voce (vide a fol 24)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 2007 liema zwieg jgib certifikat numru 2008/2007 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg kellhom wild wiehed.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Francesca Cachia Zammit nhar is-27 ta' April 2023 (Vide fol 5 et seqq.). Di piu', jirrizulta li l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2018. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2008/2007 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**